

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015 – SAS Cargo Group et vs Il-Kummissjoni(Kawża T-56/11) ⁽¹⁾

[“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-ġarr ta’ merkanzija bl-ajru — Ftehimiet u prattiki miftiehma fuq diversi elementi tal-prezzjiet tas-servizzi ta’ ġarr ta’ merkanzija bl-ajru (stabiliment ta’ sovrataxxi marbuta mal-karbnat u ta’ sovrataxxi marbuta mis-sigurtà, rifjut ta’ ħlas ta’ kummissjoni fuq is-sovrataxxi) — Artikolu 101 TFUE, Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru — Obbligu ta’ motivazzjoni”]

(2016/C 048/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: SAS Cargo Group A/S (Kastrup, id-Danimarka); Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden (Stokkolma, l-Iżvezja); u SAS AB (Stokkolma) (rappreżentanti: inizjalment M. Kofmann, B. Creve, avukati, I. Forrester, QC, J. Killick u G. Forwood, barristers, sussegwentement M. Kofmann, B. Creve, J. Killick u G. Forwood)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment N. von Lingen, V. Bottka u S. Noë, sussegwentement V. Bottka u A. Dawes, aġenti, assistiti minn B. Doherty, barrister)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Florindo Gijón u M. Simm, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta' Novembru 2010, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u il-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru).

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 7694 finali, tad-9 ta' Novembru 2010, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-trasport bl-ajru (Każ COMP/39258 – Trasport ta' merkanzija bl-ajru), hija annullata, sa fejn din tirrigwarda lil SAS Cargo Group A/S, lil Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden u lil SAS AB.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatlha l-ispejjeż tagħha kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn SAS Cargo Group A/S, minn Scandinavian Airlines System Denmark-Norway-Sweden u minn SAS.*
- 4) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu.*

⁽¹⁾ ĠU C 89, 19.03.2011.